MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 54/2013/1

**Joseph u Josephine konjugi Camilleri**

**Vs**

**Carmelo u Juliana Tabone**

Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Novembru 2014 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba tal-atturi u kkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin ewro u ghaxar centezmi (€997.10).

Il-kaz jitratta dwar xoghol ta' panel beating, tnehhija ta' sadid u spray ta' trukk Ford proprjeta tal-konvenuti. Fit-twegiba li pprezentaw li pprezenta fil-5 ta' Marzu 2014 (fol. 28), l-appellanti qalu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Mis-sentenza appellaw il-konvenuti. L-aggravji huma:

1. Is-sentenza tat-Tribunal tmur kontra l-princippji tal-gustizzja naturali ghaliex it-Tribunal ma setax jasal ghal decizjoni peress li l-materja hi ta' natura teknika, cjoe' jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk il-kaz prezenti kien jimmerita n-nomina ta' perit tekniku;
2. Il-Gudikatur ghamel ezercizzju purament soggettiv. Meta l-konvenut ra x-xoghol mill-ewwel ilmenta dwar il-kwalita.
3. Kienu biss il-haddiema tal-atturi li xehedu u qalu li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti. It-Tribunal injora l-ilmenti tal-konvenut.

L-atturi pprezentaw twegiba fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud (fol. 75).

Mill-atti jirrizulta li fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 id-difensur tal-konvenuti talbet li jinhatar espert sabiex jaghti opinjoni jekk ix-xogholijiet sarux skond is-sengha u l-arti (fol 32). Fil-verbal jinghad:

*"It-Tribunal wara li sema' informalment u mhux bil-gurament lill-partijiet prezenti fl-Awla, jidhirlu ili jkun* ***aktar opportun illi qabel xejn jisma' l-provi mbaghad sta li jiddeciedi jekk ikunx hemm in-necessita' tal-perizja teknika****, liema perizja dan it-Tribunal huwa dirett mil-ligi sabiex jipprova jevita".*

Fl-14 ta' April 2014 sar access li fih gie ezaminat it-trukk. Qabel beda l-access id-difensur tal-appellanti qalet li *"….. ma taqbilx li jsir xi ezami mill-gudikat fuq il-vettura u dan stante li mhux espert fuq dan l-ambitu"* (fol. 38). Wara fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 xehed l-appellat; fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2014 xehedu Carmel Vella u Paul Muscat; u fit-28 ta' Ottubru 2014 xehed l-appellant. Dakinhar gie ddikjarat li l-appellanti m'ghandhomx iktar provi u d-difensur tal-appellant qalet:

***"…. illi min-naha taghha din il-kawza tista' tmur ghas-sentenza"*** (fol. 62).

Dikjarazzjonijiet li jsiru minn difensur ta' parti waqt seduta fil-qadi ta' dmirijietu fid-difiza ta' klijent, isiru ghan-nom tal-klijent. Dakinhar il-kawza giet differita ghas-sentenza. Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 fid-digriet inghad:

*"Ghalhekk f'dan l-istadju qieghed jichad it-talba tal-konvenut"* (fol. 32).

Ghall-qorti hu car li t-talba giet michuda, fl-istadju li saret. It-Tribunal ried l-ewwel jisma' l-provi tal-partijiet qabel jara hemmx il-htiega li jinhatar perit gudizzjarju sabiex jirrelata dwar l-ilment tal-appellanti li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Il-qorti tifhem li bid-dikjarazzjoni li *"[....] il-kawza tista' tmur ghas-sentenza"* maghmula waqt is-seduta li fiha l-appellanti ressqu l-provi u nghalaq il-gbir tal-provi, ma baqghux jinsistu ghan-nomina ta' perit tekniku. M'ghandux ikun li issa l-appellanti jargumentaw li s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tmur b'mod gravi kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. Jekk wara li ngabru l-provi l-appellanti kienu ghadhom konvinti mill-htiega ta' nomina ta' perit tekniku, kien fid-dmir taghhom li jattiraw l-attenzjoni tat-Tribunal ghad-digriet tas-17 ta' Marzu 2014 u jitolbu li t-Tribunal jerga' jikkunsidra t-talba taghhom ghan-nomina ta' perit tekniku. Il-posizzjoni li hadu l-appellanti fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2014 ma thalli ebda dubju li f'dak l-istadju ma kienux iktar interessati fit-talba ghan-nomina ta' perit tekniku.

Ghaldaqstant l-appell tal-appellanti ma jikkwalifikax bhala appell taht l-Artikolu 8(2)(d) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Ghalhekk peress li l-ammont tat-talba hu inqas minn €1,164.69 u kif spjegat hawn fuq it-Tribunal ma marx kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, allura dan l-appell ma setax isir.

F'kull kaz il-qorti tosserva wkoll:-

1. Ma tara xejn stramb fil-posizzjoni li addotta t-Tribunal waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2014. It-Tribunal kien tal-fehma li f'dak l-istadju kien iktar floku li jisma' l-provi u wara jara jekk hemmx htiega li jinhatar perit tekniku sabiex jaghti opinjoni dwar il-kwalita' tax-xoghol.
2. L-Artikolu 9(2)(c) tal-Kap. 380 jipprovdi li t-Tribunal *"ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom....".*
3. L-ilmenti tal-appellanti dwar l-allegat nuqqas fil-kwalita' tax-xoghol li sar mill-appellat, ma jidhirx li kienu jehtiegu l-hatra ta' perit tekniku. Id-difetti jew jezistu jew le. Difetti li huma vizibbli. Mill-verbal tal-access jidher li ma kien hemm xejn li kien qieghed jostakola lill-Gudikatur li jifforma l-gudizzju tieghu minkejja li ma kellux opinjoni teknika. Inoltre, hu evidenti li kien jehtieg li jsir apprezzament tal-provi gialadarba wara li l-appellanti nghataw lura l-vettura rrizulta li sar xoghol iehor minn terza persuna u l-appellat ikkontesta li d-difetti huma b'rizultat tax-xoghol li ghamel hu. Ezerecizzju li bla dubju kellu jsir mit-Tribunal.

Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tikkonkludi li d-digriet tas-17 ta' Marzu 2014 kien zbaljat u jikser b'mod gravi d-dettami tal-gustizzja naturali.

**Ghaldaqstant tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------